GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU, TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITA'

# ĊIRKULARI

Ref: DCLE 06/2024

Mingħand: Jude Zammit Direttur Ġenerali DCLE

Lill-: Segretarju Permanenti
Diretturi Ġenerali
Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi
Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti
Uffiċjali Edukattivi

Suġġett: Summer Catch-Up Classes 2025 – Applikazzjonijiet għall-Istudenti

Data: 12 ta' Mejju 2025

---

## Ħarsa Ġenerali

L-għan tas-Summer Catch-Up Programme 2024 huwa li jgħin lill-istudenti li jeħtieġu ftit aktar għajnuna u reviżjoni fl-istudji tagħhom. Dan il-programm jagħti ukoll opportunità ta' reviżjoni lil dawk li jixtiequ jirrevedu u jħossuhom aktar kunfidenti matul is-sena skolastika. Il-programm huwa maħsub għall-istudenti mill-1 sal-10 sena u huwa miftuħ għall-istudenti kollha ta' Malta u Għawdex.

Il-Catch-up Classes jipprovdu opportunità ta' reviżjoni fis-suġġetti ewlenin li jkunu saru matul is-sena skolastika preċedenti. Dawn il-lezzjonijiet qed jiġu provduti u mgħallma minn għalliema kwalifikati lill-istudenti kollha fi gruppi żgħar kemm f'livell primarju kif ukoll f'dak sekondarju. Il-programm huwa mifrux fuq tmien ġimgħat mill-14 ta' Lulju sal-4 ta' Settembru, erba' darbiet fil-ġimgħa.

## X'se tikseb

Is-**Summer Catch-Up Programme 2025** huwa inizjattiva f'forma ta' lezzjonijiet fiżikament u online maħsuba biex tappoġġja lill-istudenti mill-Year 1 sal-Year 10 permezz ta' reviżjoni u biex jgħinhom jiksbu aktar kunfidenza fl-istudji tagħhom. Il-programm huwa mifrux fuq tmien ġimgħat.

### 📅 Tul tal-Programm

- **Dati:** It-Tnejn, 14 ta' Lulju – Il-Ħamis, 4 ta' Settembru 2025
- **Skeda:** Mit-Tnejn sal-Ħamis għal 8 ġimgħat konsekuttivi

### 🕘 Ħinijiet tal-Ftuħ taċ-Ċentri

- **Ċentri Primarji**: 9:00 ta' filgħodu – 12:00 ta' nofsinhar
- **Ċentri Sekondarji**: 8:45 ta' filgħodu – 12:30 ta' nofsinhar

🏫 **Ċentri Fiżiċi (In-Person Centres)**

**Primarji (Mill-1 sena sas-6):**

1. Skola Primarja Marsascala
2. Skola Primarja Raħal Ġdid (Paola)
3. Skola Primarja Kirkop
4. Skola Primarja Santa Venera
5. Skola Primarja Mosta (Ex Lily of the Valley)
6. Skola Primarja San Ġwann
7. Skola Primarja Rabat Għawdex

**Sekondarji (Mis-7 sal-10 sena):**

8. Skola Sekondarja Santa Luċija
9. Skola Sekondarja Mrieħel
10. Skola Sekondarja Mosta (Ex Lily of the Valley)

💻 **Ċentri Virtwali (Online)**

- Skola Primarja Virtwali (Mill-1 sena sas-6)
- Skola Sekondarja Virtwali (Mis-7 sal-10 sena):

👩‍🏫 **Għalliema Kwalifikati**

Il-lezzjonijiet jingħataw minn **għalliema kwalifikati** u **li għandhom warrant tat-tagħlim**.

📚 **Suġġetti Offruti**

L-istudenti se jkopru dawn is-suġġetti:

- **Matematika, Malti, Ingliż, Xjenza, Fiżika, ICT, Edukazzjoni Fiżika (P.E.), u Arti**.

📝 **Kif għandek tapplika**

- L-applikazzjonijiet jiġu pproċessati fuq bażi ta' **min japplika l-ewwel**.
- Ladarba l-klassijiet jimtlew, l-istudenti se jiġu **poġġuti fuq lista ta' stennija** u jiġu kkuntattjati skont il-possibbiltà ta' post.
- Il-programm huwa **bla ħlas**.

Eliġibilità

- L-istudenti kollha **mill-ewwel sal-għaxar sena** huma eliġibbli sabiex japplikaw.
- Il-programm huwa **miftuħ għal studenti minn skejjel Pubbliċi, tal-Knisja u Indipendenti** kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.
- Offrut għal dawk li għandhom bżonn **aktar għajnuna** jew **jixtiequ jirrevedu** b'mod attiv għal aktar sigurtà fl-istudji tagħhom.

## Kif Tapplika

L-applikazzjonijiet jistgħu jsiru **online** permezz tal-link hawn taħt:

👉 https://forms.office.com/e/c81yQ8UnkF

*L-applikazzjonijiet jiġu aċċettati fuq bażi ta' min japplika l-ewwel, jinqeda l-ewwel.*

Grazzi tal-kooperazzjoni.

Jude Zammit
Direttur Ġenerali